



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

*Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħha Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel*

**2012/2259(INI)**

25.2.2013

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħha Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar sfidi u opportunitajiet attwali għall-enerġija rinnovabbli fis-suq intern  
Ewropew tal-enerġija  
(2012/2259(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Zofija Mazej Kukovič

PA\_NonLeg

PE502.089v02-00

2/6

AD\927510MT.doc

**MT**

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jenfasizza li l-enerġiji rinnovabbli mhux biss jikkontribwixxu biex jindirizzaw it-tibdil fil-klima u jżidu l-indipendenza enerġetika tal-Ewropa iżda joffru wkoll beneficiċċi ulterjuri sinifikanti permezz tat-tnaqqis tat-tniġġis tal-arja, tal-ġenerazzjoni tal-iskart u tal-użu tal-ilma, kif ukoll ta' riskji ulterjuri inerenti għal forom oħrajn ta' ġenerazzjoni tal-enerġija;
2. Jilqa' l-fatt li l-enerġija rinnovabbli qed tiġi żviluppata fl-Istati Membri bil-għan li jilħqu l-objettivi tagħhom għall-2020, iffissati bid-Direttiva tal-UE dwar l-ENERġija Rinnovabbli, u biex isaħħu l-kompetittivitā tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni tiproponi objettiv ambizzjuż u vinkolanti tal-UE għall-2030 għall-enerġija rinnovabbli sabiex jiġu żgurati kontinwità u stabbilità;
3. Jirrimarka li l-objettivi vinkolanti tal-enerġija rinnovabbli għall-2020 ħeġġew l-adozzjoni tal-enerġija rinnovabbli fl-UE u ħolqu klima ta' investiment stabbli, u b'hekk taw vantaġġ kompetittiv lill-UE fl-enerġija rinnovabbli, u dan se jikkontribwixxi bil-qawwa għat-tkabbir sostenibbli u l-ħolqien tal-impjieg;
4. Jirrimarka li l-politika tal-UE dwar l-enerġija trid tkun iffukata fuq l-iżvilupp, l-użu u ttixrid tal-enerġija rinnovabbli, u li jinh tiegħi objettivi tal-enerġija rinnovabbli aktar ambizzjużi għall-Istati Membri għall-2030 u lil hinn sabiex tinkiseb ekonomija bbażata fuq l-enerġija rinnovabbli sal-2050;
5. Jiġbed l-attenzjoni għall-potenzjal tas-suq għat-teknoloġiji ħodor, u jenfasizza li t-teknoloġiji ħodor għandhom jitqiesu bħala opportunità biex jissaħħew l-industriji tal-UE;
6. Jaqbel mal-Kummissjoni li tkabbir qawwi fl-enerġija rinnovabbli sal-2030 jista' jiġi genera 'l fuq minn tliet miljun impjieg;
7. Jirrimarka li l-enerġija rinnovabbli mhijex qed tiġi żviluppata separatament, sabiex jiġi promoss l-iżvilupp ta' sistemi deċentralizzati tal-enerġija rinnovabbli, iżda wkoll bħala parti tas-sistema enerġetika sħiħa; ifakk li jeħtieġ li jkun hemm investiment minn sorsi privati u pubbliċi, bħalma hu l-programm Nikkollegaw l-Ewropa, biex jiġi ffinanzjat l-iżvilupp ta' infrastrutturi tal-enerġija u grids intelliġenti bbażati fuq it-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, sabiex l-enerġija rinnovabbli tkun tista' tiġi inkorporata b'mod aktar komprensiv u kosteffiċċienti u sikur fis-suq tal-enerġija, u sabiex titjeb l-istabilità tas-sistemi ta' trasferiment u ta' distribuzzjoni bil-għan li tinżamm is-sigurtà tal-provvista; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu appoġġati l-intrapriżi żgħar u medji (SMEs) billi jingħataw iktar opportunitajiet fl-iżvilupp tal-infrastruttura;
8. Jinnota li skemmi differenti għall-promozzjoni tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli (SER) jiżguraw li l-potenzjalitajiet u l-mudelli teknoloġiċi differenti fl-Istati Membri jitqiesu fid-disinn tal-iskemi ta' appoġġ, sabiex b'hekk jiġu evitati l-profitti imprevisti billi jiġu riflessi l-ispejjeż reali ta' teknoloġija; jilqa', fl-istess ħin, l-inizjattiva tal-Kummissjoni

biex tipproduċi linji gwida dwar skemi ta' appoġġ;

9. Jemmen li qabel ma tintalab skema ta' appoġġ tal-UE għandu jiġi vvalutat jekk sistema għall-UE kollha għall-promozzjoni tas-SER toffix qafas iktar kosteffikaċi għall-promozzjoni tal-enerġija rinnovabbli; jirrikonoxxi li ċ-ċertezza fuq żmien fit-tul, inkluż objettiv għall-2030 fir-rigward tal-enerġija rinnovabbli, tagħti spinta lill-investimenti fl-enerġija rinnovabbli u tnaqqas ir-riskji ffaċċejati minn dawk li jinvestu fl-enerġija rinnovabbli;
10. Itenni li l-UE u l-Istati Membri tagħha impenjaw ruħhom li gradwalment ineħħu s-sussidji li huma ta' ħsara ambjentali sal-2020, kif espress fil-qafas tas-summit ta' Nagoya dwar il-bijodiversità u fis-summit tal-G-20 ta' Pittsburgh, mill-Pjan Direzzjonali għal Ewropa Effiċċenti fl-Użu tar-Riżorsi tal-Kummissjoni, u fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill; jenfasizza l-ħtieġa urġenti li jiġu indirizzati s-sussidji li huma ta' ħsara għall-ambjent fil-qasam tal-enerġija, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-UE; għaldaqstant jitlob azzjoni kkoordinata bil-għan li jiġu identifikati u jitneħħew gradwalment is-sussidji kollha li huma ta' ħsara għall-ambjent fil-qasam tal-enerġija sal-2020;
11. Jinsab konvint li oqfsa ta' politika stabbli u fuq żmien fit-tul għandhom rwol ewljeni fit-naqqis tal-ispejjeż marbuta mal-inċertezza u fit-titjib tal-aċċess għall-kapital, sabiex b'hekk tiġi żgurata tranżizzjoni kosteffiċċenti u effikaċi għas-soċjetà;
12. Jistieden lill-Kummissjoni tuża l-kriżi ekonomika attwali bħala opportunità biex tinvesti f'teknoloġiji nodfa sabiex jiġu ġgħenerati l-impjieg u t-tkabbir ekonomiku;
13. Jenfasizza l-importanza li jiġu garantiti strateġiji u inċentivi fuq żmien fit-tul, u oqfsa regolatorji u fiskali stabbli fil-livell nazzjonali, sabiex tiġi żgurata l-prevedibilità għall-investituri u jiġi promoss b'effikaċja l-iżvilupp tal-enerġija rinnovabbli f'kull Stat Membru;
14. Jenfasizza li sabiex jinfetaħ il-potenzjal tas-sistemi tal-enerġija rinnovabbli u sabiex tinkiseb ekonomija dekarbonizzata jeħtieġ li l-SMEs ikunu appoġġati b'mod effikaċi;
15. Jinnota li s-settur tal-enerġija rinnovabbli għadu mhux robust biżżejjed biex jiflaħ għall-forzi tas-suq waħdu u jemmen, għaldaqstant, li għad hemm bżonn ta' appoġġ ġestit b'mod rigoruż u trasparenti sabiex is-settur jiġi kkonsolidat u l-UE tkun tista' tirrealizza l-pjanijiet tagħha għal futur mingħajr karbonju;
16. Huwa mħasseb dwar it-tibdiliet ta' malajr fil-mekkaniżmi nazzjonali ta' appoġġ għall-enerġija rinnovabbli, b'mod partikolari fis-sura ta' tibdiliet retroattivi fl-appoġġ jew l-iffriżar tal-appoġġ; jistieden lill-Istati Membri jipprovdu oqfsa stabbli għal investimenti fl-enerġija rinnovabbli, inklużi skemi ta' appoġġ li jiġu riveduti regolarment u proċeduri amministrattivi ssimplifikati;
17. Jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa ta' aktar finanzjament tar-riċerka għat-teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli; jenfasizza li t-teknoloġiji ta' ħżin tal-enerġija huma meħtieġa biex ir-riżorsi deċentralizzati tal-enerġija rinnovabbli jiġu integrati fin-netwerk ta' distribuzzjoni; isostni li jeħtieġ li jiġu allokat fondi skont il-programm Orizzont 2020 biex jiġi ffinanzjat l-iżvilupp ta' teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli; jistieden lill-Kummissjoni tesplora

b'mod sħiħ, mal-Bank Ewropew tal-Investiment u l-istituzzjonijiet pubbliċi nazzjonali, il-possibbiltajiet li jiġu ddedikati fondi fil-baġit attwali u dak futur tal-UE għall-finanzjament ta' proġetti tal-enerġija rinnovabbli;

18. Jirrimarka dwar il-fatt li l-użu ikbar ta' enerġija rinnovabbli u teknoloġiji ħodor mhuwiex biss kwistjoni li jintlaħqu l-objettivi ta' emissjonijiet iżda wkoll li tittejjeb is-sigurtà tal-enerġija u titnaqqas il-ħtieġa ta' fjuwils importati;
19. Huwa tal-fehma li r-riċerka u l-iżvilupp immirati permezz ta' strumenti eżistenti jeħtieġ li jsir aktar effikaċi, u huwa mħasseb li dawn l-isforzi f'ċerti fergħat tas-settur tal-enerġija rinnovabbli ġew ittraskurati, u dan wassal għal diffikultajiet ta' kummerċjalizzazzjoni; jinnota li r-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni li jiffukaw fuq it-tnejx tal-impatt ambjentali, u fuq l-użu effiċċenti tal-iskart – inklużi skart tal-ikel u residwi rkuprati mill-ambjent tal-baħar – biex jiġu prodotti l-elettriku, il-gass u s-ħana, jistgħu jkunu importanti mil-lat tal-ilħuq tal-objettivi tal-effiċċjenza fl-użu tal-enerġija u tar-riżorsi, sakemm ikun hemm konformità mal-istandard tal-effiċċjenza fl-użu tal-enerġija stabbilit fid-Direttiva Qafas dwar l-Iskart, u mil-lat tal-ġlieda kontra l-faqar enerġetiku; jinnota wkoll li s-settur tat-trasport huwa konsumatur kbir ħafna tal-fjuwils fossili, u għaldaqstant, ir-riċerka fil-modi kif tista' tittejjeb l-effiċċjenza fl-użu tal-enerġija u fit-tnejx tal-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> fit-trasport sejkollha impatt benefiku;
20. Jinnota l-fatt li jista' jinkiseb ħafna bl-użu tat-teknoloġiji eżistenti, billi tiżdied l-effiċċjenza fl-użu tal-enerġija u billi t-teknoloġiji skaduti tal-ġenerazzjoni tal-enerġija jinbidlu b'oħrajn aktar ġodda u li jniġġsu anqas;
21. Jenfasizza l-bżonn ta' sostenibilità fuq żmien fit-tul fl-użu tal-bijomassa u l-bijofjuwils, b'mod partikolari f'termini tal-effetti klimatiċi netti tagħhom u l-impatti diretti u indiretti tagħhom fuq il-bijodiversità;
22. Jinnota l-importanza li jiġi żgurat li l-prezzijiet għall-konsumaturi, kemm domestiċi kif ukoll industrijni, jibqgħu f'livelli affordabbi u internazzjonalment kompetittivi;
23. Jistieden lill-awtorità baġitarja tforni lill-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER) l-għoddha meħtieġ biex twettaq il-funzjonijiet tagħha u tikseb l-ġhanijiet tagħha stipulati fir-regolament dwar l-integrità, it-trasparenza u l-effiċċjenza tas-swieq tal-enerġija bl-ingrossa; jinnota li dan huwa meħtieġ sabiex jiġi kkompletat suq intern tal-elettriku u tal-gass integrat u trasparenti sal-2014.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	19.2.2013
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: -: 0:
	64 1 1
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Martina Anderson, Elena Oana Antonescu, Kriton Arsenis, Sophie Auconie, Pilar Ayuso, Paolo Bartolozzi, Sandrine Bélier, Lajos Bokros, Martin Callanan, Nessa Childers, Tadeusz Cymański, Chris Davies, Esther de Lange, Anne Delvaux, Jill Evans, Elisabetta Gardini, Gerben-Jan Gerbrandy, Matthias Groote, Françoise Grossetête, Cristina Gutiérrez-Cortines, Satu Hassi, Jolanta Emilia Hibner, Dan Jørgensen, Karin Kadenbach, Christa Klaß, Eija-Riitta Korhola, Holger Krahmer, Jo Leinen, Corinne Lepage, Peter Liese, Zofija Mazej Kukovič, Linda McAvan, Radvilė Morkūnaitė-Mikulénienė, Miroslav Ouzký, Vladko Todorov Panayotov, Gilles Pargneaux, Antonyia Parvanova, Andrés Perelló Rodríguez, Mario Pirillo, Pavel Poc, Frédérique Ries, Anna Rosbach, Oreste Rossi, Carl Schlyter, Horst Schnellhardt, Richard Seeber, Theodoros Skylakakis, Bogusław Sonik, Claudiu Ciprian Tănasescu, Thomas Ulmer, Åsa Westlund, Glenis Willmott, Marina Yannakoudakis
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Nikos Chrysogelos, Minodora Cliveti, Christofer Fjellner, Gaston Franco, Rebecca Harms, Jutta Haug, Judith A. Merkies, Miroslav Mikolášik, Alojz Peterle, Birgit Schnieber-Jastram, Alda Sousa
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Konrad Szymański, Jacek Włosowicz